MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 461/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponenti zzewweg fid-19 ta' April 1980, kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal,

M li twieled fit-22 ta' Jannar tas-sena 1981,N li twieled fl-24 ta' Gunju tas-sena 1982, PPB li twieled fit-30 ta' Gunju tas-sena 1988 u N B li twieldet fl-14 ta' Gunju tas-sena 1991 u ghalhekk ilkoll huma maggorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom ghal dawn l-ahhar hames snin separati de facto minn xulxin u ilhom lealment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Ivan Barbara mill-ewwel jum ta' Dicembru 2011, anness u mmarkat Dok B;
3. Illi l-esponenti ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi fi klawsola numru 5 tal-imsemmi kuntratt il-partijiet iddekadew irrevokabbilment ghad-dritt ta' manteniment lil xulxin;
5. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;
6. Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikoli 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar id-19 ta' April 1980 jigi mahlul u dikjarat xolt;
b) Tordna li d-digriet ta' din il-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skont il-ligi; u
c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimata li giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi isimha huwa indikat b'mod skorrett fir-rikors promotur stante illi kif jidher mill-klawsola 18 tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' Dicembru 2011, hija kienet ghazlet li zzomm kunjomha bhala mizzewga, cioe' B;
2. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet gie ppubblikat nhar l-1 ta' Dicembru 2011 u mhux fit-18 ta' Awissu 2011 kif indikat fir-rikors promotur;

3. Illi preliminarjament ukoll, jigi rilevat illi l-kuntratt esebit mar-rikors promotur mhux komplut, u ghalhekk qed tipprezenta kopja shiha tal-istess (Dok. A);
4. Illi fil-mertu tikkonferma illi qeghda taqbel mat-talbiet kif proposti permezz tar-rikors promotur u kif ukoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw illi ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin matul l-ahhar hamsa (5), u illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru, 2014;

Rat l-affidavit tal-intimata;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Dicembru 2011 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------